MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 247/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Donnalise GRECH [ID. Nru. 204692M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-10 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elfejn erba' mija disgha u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2479.34c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elfejn, erba' mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tletin ċenteżmi (€2479.34) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158101 u A/C4016812 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok IZY1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C40158101

Dok IZY2 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C4158101

Dok IZY3 – ftehim ghall-pagamenti mensili fuq erba' servizzi

Dok IZY4 – estratt mir-Registru Elettorali,

Dok IZY5 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12

Dok IZY6 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C40161812

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fis-6 ta' Awwissu, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 33 u li la ppreżentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimata ghad fadallha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija disgha u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2479.34c].

Ra li Dr. Keith Grech iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elfejn erba' mija disgha u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2479.34c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158101 u A/C40161812.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elfejn erba' mija disgha u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2479.34c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata fis-6 ta' Awwissu, 2014 u la dahlet risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija disgha u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2479.34c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-8 ta' Lulju, 2013 data ta' l-ittra uffiċjali (fol. 11) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-8 ta' Lulju, 2013, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------